TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 200/14/ MS**

**John Bartolo u Monika Bonello**

**vs**

**SMS Mondial Ltd.**

Illum 15 ta' Dicembru 2014,

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' John Bartolo u Monika Bonello pprezentat fit-22 ta' Settembru 2014.

Ra illi s-socjeta intimata, m'ghamlitx risposta fi zmien stipulat u baqghet kontumaci.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lir-rikorrent John Bartolo u ha konjizzjoni kollha tal-atti tal-kaz.

Ra illi fl-ewwel dehra, u cjoe' fis-seduta tat-20 ta' Ottubru 2014, dehru biss ir-rikorrenti u ma deher hadd ghas-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament notifikata bl-avviz tas-smigh.

**Ikkunsidra;**

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar kabina fuq *cruise* ta' sebat ijiem li gie bbukjat mir-rikorrenti minghand is-socjeta' intimata, liema kabina kienet tant zghira li lanqas setghu jiccaqalqu go fiha. Ghalkemm huma ilmentaw mil-ewwel mar-*reception desk,* kien biss fl-ahhar jumejn li gie offert lilhom kamra ohra - u ghalhekk dan kien tard wisq ghaliex il-*cruise* kien wasal biex jispicca.

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega irid jipprova u nonostante l-fatt illi s-socjeta' intimata ma dahlitx risposta u ma attendietx ghas-seduta, xorta wahda t-Tribunal ghandu l-obbligu illi jifli l-atti biex jara jekk it-talba tar-rikorrenti hijiex gustifikata jew le. In-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata, ghalkemm deplorabbli, ma jfissirx illi t-Tribunal m'ghandux jixtarr dak li huwa mitlub u kemm hu gustifikat.

Illi l-prezz tal-cruise kien ta' elf tlett mija u tmienja u tletin Euro (€1,338.00) ghal zewg persuni u r-irkorrenti qed jitlbu s-somma ta' €300 bhala kumpens ghal danni moral.

Illi ghalkemm id-dirigenti offrewlhom kamra ghall-ahhar jumejn, it-Tribunal jifhem u japprezza illi ma kienx jaghmel sens illi huma jiccaqalqu mill-kamra f'dak l-istadju tardiv, meta kienu waslu biex jergghu lura;

Illi t-Tribunal, wara li sema r-rikorrenti, ra ir-ritratti l-avviz spjegattiv u d-dokumenti esebiti, jista' jifhem id-diffikulta' illi kellhom ir-rikorrenti biex ikunu komdi f'din il-kabina illi kienet tant zghira u restrittiva illi bilkemm kienet tkun sodisfacenti ghat-tfal, ahseb u ara ghal zewg adulti. Zgur illi din is-sitwazzjoni gravat emottivament lir-rikorrenti, li allura ma setghux igawdu l-btala tahhom kif imwieghed u mixtieq.

Illi ghalhekk, it-Tribunal ihoss illi t-talba hija gustifikata u ghalhekk ghandha tigi milqugha fic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal, jaqta' u jiddiciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna r-rifuzjoni tal-prezz fis-somma ta' tlett mitt Euro (300.00) Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**